**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri**
**Onor. Imħallef David Scicluna**
**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Seduta ta' nhar-il Ħamis 10 ta' Diċembru 2015**

**Att ta' Akkuża**
**Nru. 29/2009**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Aaron Cassar**
***... omissis ...***

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuża miġjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-13 ta'Lulju 2009 kontra Aaron Cassar u *omissis* li permezz tiegħu l-istess Avukat Ġenerali akkuża lill-istess Aaron Cassar, reċidiv f'delitt, (1) ...; (2) ħati ta' serq ta' flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), vjolenza (użu ta'

arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin, u bil-valur; (3) bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il- persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra; (4) ikkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena; (5) fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu; (6) mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idu jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu; (7) ...; (8) ħati ta' serq ta' vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura); (9) xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, partikolarment pistola tal-għamla 'Browning' bin- numru serjali T246117, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom; (10) kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina kontra l-liġi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta' Mejju 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-ġurati li bih bi tmien voti favur u wiehed kontra sabu lil Aaron Cassar ħati tal-Akkuża skond it-Tieni, it-Tielet, ir-Raba' u l-Hames Kapi ta' l-Att ta' Akkuża; unanimament sabuh ħati skond is-Sitt Kap ta' l-Att ta' Akkuża; b'seba` voti favur u bi tnejn kontra sabuh ħati skond it-Tmien Kap ta' l-Att ta' Akkuża; u unanimanent sabu ħati tad-Disa' u ta' l-Għaxar Kapi ta' l-Att ta' Akkuża, iddikjarat lill-istess Aaron Cassar, reċidiv f'delitt, ħati talli:

1. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, seraq flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (libsu balaklava), vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti lievi, iktar minn persuna waħda) meta l-"vjolenza" hemm imsemmija hija diretta kontra persuna li tkun għalqet l-età ta' sittin, u bil-valur, u dana skond it-Tieni Kap. tal-Att tal-Akkuża;

2. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-

każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża;

3. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, kkaġuna ferita ta' natura ħafifa fuq persuna, meta l-persuna offiża għalqet l-età ta' sittin sena, u dana skond ir-Raba` Kap tal-Att tal-Akkuża;

4. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, fil-ħin li għamel delitt volontarju kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma tan-nar u arma regolari, u dan mingħajr għan leġittimu, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuża;

5. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew fil-kontroll tiegħu, jew f'idejh jew fuqu, xi arma tan-nar jew munizzjoni barra minn fond jew post li jagħmel miegħu, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuża;

6. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, seraq vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tliet mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37 ekwivalenti għal elf Lira Maltin) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura), u dana skond it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuża.

7. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, partikolarment pistola tal-għamla 'Browning' bin-numru serjali T246117, sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegħhom jew imexxihom, u dana skond id-Disa` Kap tal-Att tal-Akkuża;

8. fit-12 ta' Lulju 2004, għall-ħabta ta' bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m. ġewwa l-Qawra, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma' kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta' ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa u ma' kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita` mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-

Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u dana skond l-Ghaxar Kap tal-Att tal-Akkuża;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-Regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, l-artikoli 221(2), 222A, 261(a)(b)(c)(f)(g), 262(1)(a)(b)(2), 263(a)(b), 267, 270, 271(g), 274(c), 275, 276A, 277(b), 278(1)(2), 279(a)(b), 280(2)(3), 281, 334(a), 86, 87(1)(c)(e), 49, 50, 23, 30, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll l-artikoli 3(1A), 26(a) tal-Ordinanza Dwar l-Armi (Kap. 66) u wara li qieset l-assorbiment tal-Kapi fejn jirrikorru, ikkundannat lill-ħati Aaron Cassar għall-piena komplessiva ta' tmien (8) snin priġunerija, kif ukoll multa komplessiva ta' elfejn Ewro (€2000) li jekk ma titħallasx puntwalment, tiġi konvertita f'terminu ta' priġunerija, kif ukoll li jħallas is-somma ta' elf, ħames mija u wieħed u tmenin Euro u sebgħa u erbgħin Euro ċenteżmi (€1581.47), import ta' l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess. Ordnat li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mid-data tas-sentenza appellata, jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skond il-liġi. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat. Finalment, sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota - li għandha tiġi preżentata fi żmien ħmistax il-jum mid-data tas-sentenza appellata - li d-droga esebita hija meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni, ordnat li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jiġu distrutti a kura tal-Assistent Reġistratur u taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur ta' din il-Qorti, li għandu jagħmel verbal ta' tali distruzzjoni u jġibu a konjizzjoni ta' din il-Qorti b'nota appożita li kopja tagħha tiġi notifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati. Dan ukoll wara li l-ewwel Qorti rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti u eżaminata mid-difiża, semghet ix-xhieda u qieset is-sottomissjonijiet rigward piena tal-abbli difensur Dr. Malcolm Mifsud, ghall-appellant Aaron Cassar, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess, kif ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli prosekutur Dr. Elaine Rizzo, li jinsabu kollha reġistrati u jistgħu jiġu verifikati mat-traskrizzjoni tal-istess, u kkunsidrat is-segwenti:

> "Ghal fini tal-piena li r-reati li taghhom il-hatja nstabu hatja jolqtu direttament il-qalba tas-socjeta` Maltija, aktar u aktar meta l-vittma tkun persuna vulnerabbli fl-istess socjeta`.
>
> "Il-Qorti qieset b'sodisfazzjon il-progress illi l-hatja ghamlu fil-mori ta' din il-kawza, liema progress, fil-kaz ta' Noel Frendo jidher illi huwa notevoli. Fil-kaz ta' Aaron Cassar mhux daqshekk meta tqis illi f'Jannar li ghadda, ftit xhur qabel il-guri, rrizulta pozittiv ghall-cannabis. Dan il-progress mhu xejn hlief ghal

beneficcju tal-hatja, izda l-Qorti ma tridx tara biss l-interessi taghhom imma trid tara wkoll l-interessi tas-socjeta`, fejn din ghandha dritt illi tkun protetta minn azzjonijiet ta' aggressjoni simili ghal dawn li wettqu l-hatja. Ir-responsabbilita` taghhom tibqa`, ir-reat sar u l-gurija kwazi unanimament sabithom hatja.

"Naturalment din il-Qorti ma tistax tittratta maghhom bhal li kieku ammettew il-htija taghhom mill-bidu nett tal-guri u minflok li ghaddejna l-process shih ta' guri waqafna hemmhekk biex nisimghu biss sottomissjonijiet dwar il-piena, u minkejja l-progress illi ghamlu ma tistax tikkonsidra dan il-progress fl-ambitu ta' ammissjoni bikrija.

"Il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-kaz u ma tihux gost tisma' esperti f'dan l-istadju jirrakkomandaw lill-Qorti illi l-piena ta' prigunerija tkun detrimentali ghall-hatjin. Argumenti bhal dawn imisshom ingiebu fil-bidu nett waqt ammissjoni bikrija u mhux f'dan l-istadju, fejn il-Qorti trid tirrispetta l-verdett tal-gurati li tkellmet ghas-socjeta` Maltija illi taghha ahna lkoll naghmlu parti.

"Il-hatja kienu jafu x'qeghdin jaghmlu. Ghazlu l-gurnata bil-hsieb kif ukoll il-pjan illi jwettqu fuq persuna l-aktar vulnerabbli tas-socjeta` Maltija.

"Ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni illi tikkundanna lill-hatja ghal piena ta' prigunerija li tirrifletti s-serjeta` tar-reat illi huma wettqu, bilancjata mas-sens tal-gustizzja illi ghandu jhoss il-vittma u l-istess progress li jidher illi mmanifestaw il-hatja."

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Aaron Cassar ppreżentat fil-31 ta' Mejju 2012 fejn talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-verdett imsemmi tal-ġurati u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-16 ta Mejju 2012, u tordna li jiġi reġistrat verdett ta' mhux ħati fil-konfront tiegħu li għandu jigi liberat minn kull ħtija u piena. Subordinatament u fi kwalunkwe każ jitlob ukoll li din il-Qorti, f'każ li tiċħad l-appell tiegħu għal dik li hija ħtija, tirriforma is-sentenza appellata għal dik li hija piena billi tinfliġġi piena fil-limiti tal-liġi u li tirrispekkja ċ-ċirkostanzi tal-każ u l-verdett milħuq li ma kienx wieħed ta unanimita`; rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali; rat l-atti l-oħra tal-kawża; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma: (1) li mill-provi proċesswali ma kienx hemm biżżejjed biex il-ġurija raġonevolment setgħet issib ħtija fil-konfront tiegħu, almenu mingħajr kwalifiki; (2) li fil-kors ta' l-Indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-ġuri kien hemm direttivi ta' liġi żbaljati b'mod li kien hemm interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi li setgħet kellha effett determinanti fuq il-verdett raġġunt mill-ġurati; (3) fi kwalunkwe każ u subordinatament, anki li kieku kellu jiġi aċċettat li l-akkużat huwa ħati, il-piena inflitta fuqu mill-ewwel Qorti hija eċċessiva u tmur oltre dak permess mil-liġi. Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji fl-ordni li fih jittrattahom l-appellant fir-rikors ta' appell tiegħu.

**6.** Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> l-appellant isostni li l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni u interpretazzjoni ħażina tal-liġi. Huwa jgħid:

> "Illi mill-provi li hargu mix-xiehda taz-zewg pulizija li kienu prezenti li l-ko-akkuzati, inkluz l-appellant harsu lejn xulxin. Ma hareg mill-provi prodotti li nghataw opportunita` biex jaghtu spjegazzjoni. L-appellant kien gie arrestat immedjatament u saret tfittxija tal-vettura li l-appellant ma kellu l-ebda konnessjoni maghha ghaliex kienet il-vettura tal-partner tal-ko-akkuzat Noel Frendo. B'hekk meta l-appellant kien gie arrestat b'hekk skatta l-istadju fejn kien suspettat ta' xi reat. Zgur kien konxju li s-suspett kien fuq ir-reat ta' pussess ta' droga u peress li kien hemm il-ko-akkuzat arrestat mieghu setghet tizviluppa f'reat aktar serju ta' pussess aggravat u/jew traffikar. B'hekk l-appellant kien gustifikat li jezercita d-dritt tieghu ta' silenzju u jhalli l-pulizija jinvestigaw fil-kas.
>
> "Barra minhekk meta ftit wara l-appellant kien fl-ufficcju ta' l-iSpettur kien inghata 'caution' fejn l-iSpettur stess informah bid-dritt li seta' ma jwigibx ghall-mistoqsijiet. B'hekk dan il-fatt isahhah il-volonta` ta' l-appellant li ma jaghtix spjegazzjoni ta' xejn. Fl-istadju ta' l-investigazzjoni hadd ma nformah bid-dottrina ta 'recent possession' anzi kien gie spjegat l-oppost.
>
> "Di piu` l-Onorevoli Imhallef li kien qed jindirizza l-gurati fl-ahhar tal-guri, ta direttiva li ghandhom isibu l-htija peress li ma kienx hemm spjegazzjoni. Izda l-mistoqsija, minghajr pregudizzju ghas-suespost, liema reat huma hatja. L-inferenza li l-gurati setghu jigbdu setghet twassal ghal htija ta' serq jew htija ta' ricettazzjoni. Jekk il-Qorti hadet il-pozizzjoni li tat id-direttiva li ghandha ssib il-htija b'hekk kellha taghti ghazla jekk il-htija kienet serq jew ricettazzjoni. Il-Qorti kellha tispjega lill-gurati r-reat u l-elementi tieghu ta' ricettazzjoni u kellhom jaraw huma jekk id-dottrina kellha twassal ghal htija ta' serq jew ricettazzjoni. L-appellant li jghix Hal-Kirkop instab Hal-Kirkop f'karozza li m'ghandu x'jaqsarn xejn, izda fiha instabu flus, pistoli, balaklava u hwejjeg ohra.
>
> "Illi l-appellant jissottometti li d-direttiva ta' l-Onorevoli lmhallef kienet wiesa wisq u kien donnu laqghat il-Kapi kollha. L-uniku recent possession kien ghal flus cash, izda ma kien hemm l-ebda pussess tal-vettura Hyundai f'Kap VIII. Kif wiehed jista' jghid li l-appellant kellu jaghti xi spjegazzjorii jew anzi kellu xi spjegazzjoni. L-element ta' pussess u pussess recenti ma jezistux. B'hekk wiehed isaqsi kif seta gie misjub hati."

**7.** Tajjeb hawn li jiġi riprodott il-bran fejn l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri tkellem fl-indirizz dwar it-teorija ta' *recent possession of stolen goods*. Huwa qal:

> "Din it-teorija jew duttrina ta' *recent possession* hija duttrina li aħna ħadna mis-sistema Ingliża.... U din tfisser, oqogħdu attenti, meta jiġu pruvati ċerta fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġjonevolment għal konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq ta' dawk l-oġġetti. Dan huwa t-tagħlim tal-Qrati tagħna. Nirrepeti, meta jiġu pruvati ċerti fatti, jekk tridu tniżżluha nerġa' naqrahielkom bil-mod, meta jiġu pruvati ċerta fatti dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġjonevolment għal konklużjoni li persuna tkun ħatja tar-reat ta' serq ta'

> dawk l-oġġetti. Jiġifieri meta persuna tinstab fil-pussess ta' oġġetti liema oġġetti jkunu nsterqu ftit tal-ħin qabel, allura tistgħu intom taslu għall-konklużjoni li dik il-persuna hija ħatja ta' serq. Issa din il-konklużjoni tistgħu taslu għaliha anke jekk ma joffri l-ebda spjegazzjoni – hawnhekk jiena ma naqbilx mat-teżi tad-difiża. Jekk il-persuna tkun instabet fil-pussess ta' oġġetti li jirriżulta li jkunu ġew misruqa ftit tal-ħin qabel u din il-persuna ma tagħtix spjegazzjoni, ma titkellem xejn xorta intom intitolati taslu għal konklużjoni – il-kelma Ingliża hija *'inference'* – taslu għal konklużjoni li dik il-persuna serqet dawk l-oġġetti, aktar u aktar jekk dik il-persuna toffri spjegazzjoni illi jirriżulta li ma tkunx vera.
>
> "Mela din id-duttrina ta' *recent possession* tintitolakom taslu għal konklużjoni li l-persuna tkun ħatja ta' serq jew meta ma toffrix spjegazzjoni ta' dawk l-oġġetti jew meta l-ispjegazzjoni li toffri ma tkunx waħda vera. Araw intom sinjuri minn dawn it-tnejn liema japplika għal dan il-każ. Dan huwa l-prinċipju legali. Kull każ naturalment għandu ċ-ċirkostanzi tiegħu, pero` l-prinċipju huwa dak, u din mhix kwistjoni li l-akkużat għandu dritt tas-silenzju jew il-prosekuzzjoni għandha dritt tipprova, dawn ma humiex qed jiġu mittiefsa b'din id-duttrina, ma għandux x'jaqsam, dak xorta, imma din hija kwistjoni ta' *common sense*, sens komun, illi meta bniedem jinqabad f'dawk iċ-ċirkostanzi, proprju ftit tal-ħin qabel l-oġġetti jkunu ġew misruqa, jekk ma jgħtix spjegazzjoni jew jekk jagħti spjegazzjoni li ma hijiex vera allura l-ġurija, iva, jiena għandi d-dritt nindirizzakom taslu għal konklużjoni li dik il-persuna hija ħatja tas-serq.
>
> "Dan, per eżempju, aħna nużaw il-kunċett ta' l-i*smoking gun*. Għal min ma semax bih dan il-kunċett meta tiġi sparata arma tan-nar wara li toħroġ il-balla mill-kanna joħroġ ftit tad-duħħan qisu ta' sigarett, duħħan kalm qisu ta' sigarett. Meta inti tara dak il-fenomenu inti intitolat tasal għal konklużjoni li dik l-arma ġiet sparata ftit sekondi qabel. Ma hemmx konklużjoni oħra – *circumstantial evidence* perfetta, konklużjoni waħda u waħda biss. Meta jiġi sparat senter dak il-ħin, ftit attimi ta' sekondi wara li jkun ġie sparat tara dak in-naqra ta' duħħan ħiereġ, li jfisser li allavolja inti ma tkunx rajt l-avveniment isir pero` għandek ċirkostanzi li jwassluk għal konklużjoni li ġara avveniment wieħed u wieħed biss. U din hija s-sitwazzjoni li għandna llum, id-duttrina hija dik u jiena intikom l-Indirizz biex issegwu dan it-tagħlim."

**8.** Sejra issa ssir referenza għat-teorija Ingliża *of unlawful possession of recently stolen goods*. Kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Emanuel Seisun et**, 26 ta' Awissu 1998, it-teorija Ingliża "*of unlawful possession of recently stolen goods*" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali tagħna, għax in tema ta' *law of evidence* il-ġurisprudenza tagħna ssegwi ħafna dik Ingliża. Din it-teorija ma hi xejn ħlief l-applikazzjoni tal-buon sens għal ċirkostanzi partikolari li jkunu jirriżultaw pruvati, fis-sens li meta jiġu ppruvati ċerti fatti, dawn jistgħu waħedhom iwasslu raġjonevolment għall-konklużjoni li persuna partikolari tkun ħatja tar-reat ta' serq tal-oġġetti misjuba għandha jew, skont iċ-ċirkostanzi, tar-reat ta' riċettazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

**9.** F'dik is-sentenza l-Qorti ċċitat mill-**Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice** (1997, paras. 21-125, 21-126):-

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from* ***Cross on Evidence****, 5th ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): 'if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts .... It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence."* [1]

**10.** Bħalma anke korrettement qal l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, sija *the absence of an explanation* kif ukoll *the failure to give a credible explanation* jistgħu jwasslu għal *inference* ta' ħtija, *inference* li ma tinfiċjax fuq id-dritt tas-silenzju għax it-teorija kif esposta hi biss riżultat ta' l-użu tal-buon sens. Pero` l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri ma spjegax illi l-*unlawful possession of recently stolen goods* tista' twassal kemm għall-prova tas-serq kif ukoll għall-prova ta' riċettazzjoni, u ma ħalla l-ebda għażla f'idejn il-ġurati. Anzi użurpa għal kollox il-funzjoni tagħhom meta qalilhom "jiena għandi d-dritt nindirizzakom taslu għal konklużjoni li dik il-persuna hija ħatja tas-serq". Fil-fehma ta' din il-Qorti, din tikkostitwixxi rregolarita`. Iżda b'daqshekk jista' jingħad li saret amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja? Ċertament jekk mill-istat tal-provi seta' jirriżulta lill-ġurati li l-appellant kien effettivament ħati ta' serq in kwantu jirrigwarda t-Tieni Kap u t-Tmien Kap ta' l-Att ta' Akkuża, allura ma jkunx jista' jingħad li l-verdett ma kienx wieħed ġust. Din il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi biex teżamina l-ewwel aggravju.

[1] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Richard Spiteri**, 31 ta' Awissu 2006 u **Il-Pulizija v. Antoine Cassar, 16 ta' Novembru 2006.**

**11.** Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant isostni li ma kienx hemm provi suffiċjenti biex ġurija raġjonevoli tasal għal konklużjoni ta' ħtija oltre d-dubbju raġjonevoli. L-appellant jgħid:

> "a. Kien hemm numru ta xhieda okulari iżda ma kien hemm ħadd li identifika lill-appellant. Anzi jissottometti li kien hemm anki dubju jekk l-aggressur kien waħdu jew kien hemm persuna oħra bħala driver.
>
> "b. Barra minn hekk kien hemrn assenza totali ta' provi forensiċi li jindkaw l-appellant li kien involut fis-serqa. L-appellant kien ta s-swabs b'mod volontarju sabiex isiru DNA tests. Iżda għaliex r-rapport sar erba' snin wara li ngħatat konklużjoni inkonklussiv. Izda, l-anqas ma kien hemm testijiet tal-impronti digitali, u tfittxija fir-residenzi."

**12.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. Għalhekk, dak li din il-Qorti issa trid tara huwa jekk il-ġurati, ben indirizzati (salv dak li ntqal *supra* f'para. 10), setgħux legalment u raġjonevolment jaslu għall-konklużjoni li effettivament waslu għaliha.[2] In eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, inklużi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre ħasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konklużjonijiet tagħha huma dawn li ġejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi <u>kollha</u> miġjuba.

---

[2] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

(ii) Irid jiġi sottolineat ukoll li l-ġurati kellhom il-vantaġġ li jaraw u jisimgħu x-xhieda kollha. B'hekk, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u wara li ġew ben indirizzati mill-Imħallef li ppresjeda l-ġuri (salv dak li ntqal *supra* f'para.10), waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skont il-Kapi kollha ta' l-Att ta' Akkuża.

(iii) Jingħad l-ewwelnett illi l-assenza ta' provi forensiċi ma tistax tittieħed la bħala prova favur u lanqas kontra l-appellant. Filwaqt illi provi forensiċi jistgħu jkomplu jsaħħu jew idgħajfu l-każ tal-prosekuzzjoni, fl-assenza ta' tali provi ma jistgħux jiġu skartati l-provi l-oħra mressqa.

(iv) Fil-każ in eżami jirriżulta mill-provi li fit-12 ta' Lulju 2004 bejn it-8.30 a.m. u d-9.00 a.m., ċertu Joseph Grixti kien ġej mill-bank HSBC f'Bay Square, Bugibba, sejjer fid-direzzjoni ta' restaurant tiegħu fi Triq l-Imħar bil-karozza tiegħu meta karozza oħra ħarġet għal quddiemu u mblukkatlu t-triq. Niżlet persuna liebsa balaclava, fetħitlu l-bieba tiegħu u ntefgħet quddiemu bejnu u l-i*steering wheel* biex jeħodlu *pouch* li kien fuq is-seat tal-passiġġier u kontenenti ammont ta' flus. Joseph Grixti beda jirreżisti iżda l-ħalliel beda jtieh fuq idu bil-konsegwenza li l-istess Joseph Grixti sofra frattura u żlugatura ta' l-għadma tan-nofs tal-ħames saba' ta' l-id tax-xellug. Il-ħalliel irnexxielu jieħu l-*pouch*, daħal fil-karozza mnejn kien ħareġ u l-karozza ħarbet minn fuq il-post.

(v) Din il-Qorti eżaminat akkuratament ix-xiehda li ta Joseph Grixti u dik li tat ċerta Annelise Buttigieg li nzertat ġo gallarija fit-tieni sular tal-lukanda fejn taħdem u rat il-*hold-up* isir. Mix-xiehda tagħhom, il-prosekuzzjoni ċertament ippruvat mingħajr dubju raġjonevoli li l-karozza li minnha niżel il-ħalliel kienet karozza ħadra Hyundai Accent, li l-ħalliel niżel min-naħa tal-passiġġier u li kien hemm ix-xufier ta' din il-karozza li baqa' fil-karozza. M'hemmx dubju għalhekk li hawn si tratta ta' żewġ persuni li jridu jitqiesu bħala ko-awturi.

(vi) Għall-ħabta tad-9.40 a.m. ta' l-istess ġurnata, P.C. 1367 Cedric Mifsud u P.C. 18 Christian Mifsud kienu qegħdin jagħmlu ronda n-naħa t'isfel ta' Malta u daħlu n-naħa ta' wara ta' l-SGS Thompson f'Ħal-Kirkop u huma u jduru mar-roundabout fit-triq li jgħidulha tar-Robba, raw vettura bajda bil-bieba tax-xufier miftuħa. Marru ħdejha u sabu fiha lill-appellant li kien fuq is-seat ta' quddiem tax-xufier u lill-ko-akkużat Noel Frendo fuq in-naħa tax-xufier. It-tnejn li huma – u dan ġie fil-fatt ammess – kienu qegħdin jabbużaw mid-droga eroina. Il-Pulizija niżżluhom mill-karozza sabiex jagħmlu tfittxija. Hawn din il-Qorti se

tirriproduċi dak li xehed P.C. 1367 Cedric Mifsud peress illi t-tfittxija għamilha hu:

> "Bdejt nagħmel search min-naħa tal-passiggier, ftaħt il-bieba, kif ħa nibda s-search fuq it-tapit fejn kien hemm Aaron Cassar, fuq it-tapit fejn ipoġġi siequ rajna arma tan-nar. Kif rajt din l-arma tan-nar jien dort fuq sieħbi għidtlu biex nimmanettjawhom mill-ewwel għax ifhimni tara arma tan-nar mhix oġġett sabiħ ġo vettura. Komplejt nagħmel is-search u kif kont ħa nkompli biex nagħmel is-serach innotajt balaclava wkoll li kienet qiegħda fejn l-arma. Iċċekkjajt taħt is-seat u taħt is-seat rajt pouch u fuq il-pouch kien hemm arma oħra naqra iżgħar minn dik li kont sibt l-ewwel darba ta' kulur silver. Kif ħriġthom qbadt il-pouch f'idi, ftaħtu u ġol-pouch kien hemm travellers cheques u xi flus kontanti."

Minn din ix-xiehda huwa ċar illi arma tan-nar u l-balaclava kienu qegħdin ħdejn saqajn l-appellant. Mela, ċertament l-appellant ma jistax jgħid li ma kienx jaf bihom. Inoltre rriżulta illi l-*pouch* u l-flus kienu jikkonsistu fl-istess pouch u flus (neqsin xi ħaga żgħira) li kienu nsterqu mingħand Joseph Grixti.

(vii) P.C. 1367 Cedric Mifsud xehed ukoll illi "dak il-ħin meta sibt l-arma dort lejhom u rajt lil Aaron Cassar u lil Noel Frendo jħarsu lejn xulxin, pero` bħala reżistenza ma offrewx." L-indikazzjoni hi li l-ħarsa li taw l-appellant u l-ko-akkużat lil xulxin kienet *"a knowing look"*.

(viii) Fil-karozza, minbarra l-*pouch* bil-flus, iż-żewġ pistoli, u l-balaclava, instabet ukoll beritta fuq il-*floorboard* tal-passiġġier ta' quddiem. Imbagħad fuq is-seat ta' wara kien hemm, *inter alia*, nuċċali tax-xemx u żewġ ġgieget. Dawn l-oġġetti ikomplu jikkonfermaw il-presenza ta' żewġ persuni waqt il-*hold-up*.

(ix) Fil-fehma ta' din il-Qorti, it-teorija ta' *unlawful possession of recently stolen goods* għanda pjena applikabilita` fil-każ in eżami. L-appellant kellu d-dritt tas-silenzju u dak id-dritt eżerċitah pjenament. Iżda meta wieħed iqis dawn iċ-ċirkostanzi kollha hawn fuq elenkati, u cioe` pistola u balaclava proprju ħdejn saqajn l-appellant, ir-refurtiva taħt is-seat tiegħu, l-oġġetti doppji misjuba fil-karozza, dik il-ħarsa bejnu u l-ko-akkużat meta nstabet l-ewwel arma, kif ukoll il-fatt li bil-kemm kienet għaddiet siegħa minn meta sar il-*hold-up* sal-ħin li nqabdu l-appellant u l-ko-akkużat, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-ġurati setgħu raġjonevolment jikkonkludu li l-appellant kien wieħed mill-ko-awturi tal-*hold-up* li seħħ fuq Joseph Grixti.

(x) Dwar il-Hyundai Accent li ntużat fil-*hold-up* din kienet insterqet fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Lulju 2004 minn Triq il-Qantar, is-Swieqi, u nstabet mitluqa fi Triq il-Wileġ, il-Qawra, wara l-*hold-up*. L-użu ta' tali vettura mill-ħallelin hija prova elokwenti tal-fatt li nsterqet minnhom.

(xi) Iċ-ċirkostanzi ta' kif seħħ il-*hold-up* juru li din kienet waħda ppjanata, bis-serq tal-Hyundai Accent biex tintuża għall-*hold-up*, bl-użu ta' armi, bil-ħwejjeġ biex jostru l-fiżjonomija, bl-istennija għall-vittma tagħhom u bil-fatt li min aggredixxa lil Joseph Grixti mar direttament għall-*pouch* bil-flus.

(xii) Kwantu għar-riċettazzjoni ta' l-arma Browning, waħda mill-armi li nstabet fil-pussess ta' l-appellant u l-ko-akkużat, jingħad l-ewwelnett li x-xjenza meħtieġa fir-riċettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuża generika, u ma tirreferix għad-dettalji speċifiċi tar-reat prinċipali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tiġi dedotta miċ-ċirkostanzi tal-każ. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-riċettatur kien jaf, jew li miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, kien messu raġjonevolment jaf li l-oġġett li ser jakkwista jew li akkwista ġej minn provenjenza kriminuża.[3] Hawn si tratta ta' arma tan-nar li kienet misruqa. Mill-provi jirriżulta illi l-appellant (kif lanqas il-ko-akkużat) ma kellux armi reġistrati fuq ismu. Ġaladarba l-imsemmija arma ma kinitx hekk reġistrata, huwa evidenti li kien jaf jew messu kien jaf li l-provenjenza tagħha kienet waħda kriminuża.

(xiii) Fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti hi tal-fehma li l-ġurati setgħu legalment u raġjonevolment jaslu għall-ħtija ta' l-appellant ta' l-akkużi dedotti kontra tiegħu. B'hekk, l-ewwel aggravju qieghed konsegwentement jiġi miċħud u konsegwentement ukoll, għall-finijiet tat-tieni aggravju, nonostante l-irregolarita` riskontrata fl-Indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, din il-Qorti tqis li ma saret l-ebda amministrazzjoni ħażina tal-ġustizzja (artikolu 501(1)(b) *proviso* tal-Kodiċi Kriminali).

**13.** L-aħħar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. L-appellant jissottometti li l-piena "mhix ekwa mar-reat li seħħ u ċ-ċirkostanzi kollha inkluz ghall-fatt li l-appellant miexi fir-riforma tiegħu nnifsu." Jirreferi wkoll ghall-ordni biex iħallas l-ispejjeż tal-perizji inkorsi f'dan il-proċess, u jgħid li għaliex il-prosekuzzjon damu erba' snin biex jagħmlu t-*tests* meħtieġa, hu m'għandux iħallas għan-negliġenza tal-prosekuzzjoni.

**14.** In materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt ingħatat[4].

**15.** Fir-rigward tal-piena nflitta fil-każ in eżami m'hemmx dubju li din hi fil-parametri tal-liġi. Jekk nikkunsidraw <u>unikament</u> il-piena għall-ewwel akkuża,

[3] Ara Appell Kriminali, **Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et**, 16 ta' Dicembru 1998.
[4] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

din tiġi komputata hekk: il-piena ta' priġunerija għal żmien minn sentejn sa ħames snin skont l-artikolu 274(c) tal-Kodiċi Kriminali, li tiżdied bi grad jew żewġ gradi skont l-artikolu 276A (għax il-vjolenza kienet diretta kontra persuna li għalqet l-età ta' sittin sena) u bi grad jew żewġ gradi oħra skont l-artikolu 277(b) (peress illi kien hemm ukoll il-kwalifika tal-"mezz"). Dan ifisser illi l-piena dwar l-ewwel akkuża biss setgħet titla' sa massimu ta' għoxrin sena priġunerija li mbagħad setgħet tkompli tiżdied minħabba reċidiva.

**16.** Issa, jirriżulta li l-appellant kellu problema ta' l-abbuż tad-droga u għamel programm ta' rijabilitazzjoni. Jidher li wara, bħalma xehdet l-uffiċjal tal-*probation* Miriam Sevasta quddiem l-ewwel Qorti, baqa' okkażjonalment jagħmel użu minn xi tip ta' droga. Il-fatt illi xi ħadd jinħakem mill-vizzju tad-droga ma jfissirx illi meta jikkommetti reati minħabba dak il-vizzju sabiex isostni l-istess vizzju jista' jiġi skużat għal għemilu. Aktar ma jkun gravi r-reat, aktar il-ħati jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni fejn ma jistax jaħrab milli jiġi punit skont il-liġi. Il-pieni m'għandhomx biss skop riformattiv iżda għandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent ġenerali. Inoltre, il-qrati ta' ġustizzja kriminali għandhom jibagħtu messaġġ ċar mhux biss li l-vjolenza fiżika għandha, bħala regola ġenerali, dejjem iġġib magħha l-piena ta' priġunerija b'effett immedjat, iżda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni oħra partikolarment vulnerabbli, il-piena għandha tkun aktar severa minn dik li normalment tingħata f'każijiet oħra. Ma jistax ma jingħadx ukoll illi hawn għandna reati, b'mod partikolari l-*hold-up* li sar fuq Joseph Grixti, li jikkrejaw allarm soċjali li jesiġi li min jinstab ħati ta' egħmil simili jaħsad dak li jkun zergħa f'termini ta' piena.

**17.** B'referenza għall-ispejjeż peritali, il-fatt li seta' kien hemm xi dewmien biex isiru xi testijiet, ma jfissirx illi m'għandux iħallas għar-rapporti mhejjija.

**18.** Konsegwentement anke l-aggravju dwar il-piena qiegħed jiġi miċħud.

**19.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata kif mogħtija fil-konfront ta' Aaron Cassar, b'dan li l-perijodu għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali u l-perijodu sabiex l-Avukat Ġenerali jindika b'nota jekk id-droga esebita hijiex meħtieġa in konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali kontra terzi persuni jibdew jiddekorru millum.